# BEATI U QADDISIN..APRIL

## 7 ta' April

## San Gwann Battista de la Salle

Twieled gewwa Rheims fi Franza fit30 ta' April 1651 u miet gewwa Rouen fi Franza fis-7 ta' April 1719. Kien ikkanonizat mill-Papa Ljun XII fis-sena 1900 u l-Papa Piju Xii fis-sena 1950 ghazlu bhala l-patrun ta' dawk li jghallmu.

Giovanni Battista de la Salle kien l-akbar wiehed minn ghaxart itfal ta' familja nobbli izda mhux sinjura. Illawrija fl-ittri u l-filosofija. Kien ordnat sacerdot fis-sena 1678. Kien bniedem ta' edukazzjoni kbira hafna u kollox kien jindika li kien ser ikollu karriera ekklesjastika brillanti fi hdan il-knisja. Pero ftit wara l-ordinazzjoni tieghu, iltaqa' ma Adrian Nyel, lajk li kien ser jiftah skola gewwa Rheims ghat-tfal il-foqra fis-sena 1679.

Dan il-progett ghogbu hafna u kera dar ghal seba' ghalliema u kien jitmaghhom minn butu. Izda dawn wara ftit taz-zmien ma riedux jiehu parti aktar fil-progett u telquh. Kien jidher li dan il-hsieb kien ser ifalli.




Fis-sena 1683 irrizenja minn kanoniku u qassam gidu lil foqra. Liberu kif kien mill-gid tad-dinja ta lilu niffsu ghal-edukazzjoni tal-fqar. Huwa gabar tnax-il zaghzugh u harrighom fit-taghlim. Huwa beda jsejhilhom "l-Ahwa ta' l-Iskejjel Nsara " ghalkemm l-approvazzjoni papali ma gietux qabel is-sena 1725.

Fir-regola huwa kiteb li hadd mil-ghalliema ma kellu jkun sacerdot. Dawn riedu jibqghu laci taht regola. L-ewwel ried li jharreg lil-ghalliema biex huma jergghu lura fl-iskejjel tal-villaggi taghhom u jghallmu lil haddiehor.

Beda jiftah skola wara l-ohra biex b'hekk l-opra tieghu bidet tiehu r-ruh. Kien l-

ewwel bniedem li waqqaf skola ta' reforma biex tghallem lil min kien delinkwenti, sahansitra kien jghallem lill-habsin.

Dan is-success tal- kongregazzjoni gdida qanqlet opposizzjoni vjolenti minn skejjel professjonali. Fis-sena 1702 l-ghedewwa tieghu rnexxielhom jkeccuh izda l-ghalliema kollha tieghu kollha baqghu mieghu u heddew li huma jitilqu kollha mieghu. U hekk Giovanni Battista del la Salle irnexxielu jzomm control ta' l-ahwa tieghu. Is-sitema tieghu kellha success kbir ghax huwa kien jghallem kolletivament flok individwalment u jghallem bil-lingwa tal-post flok bil-latin. Kien jemmen li tghallem lil fqar bil-latin kif kienet l-uzanza kienet haga assurda. Kellhom bzonn li jitghallmu jiktbu u jaqraw bil-lingwa taghhom u jkun istruwiti fi hwejjeg religjuzi u vokazzjonali.

La Salle kiteb hafna xoghlijiet fuq il-valur tat-talb u l-meditazzjoni.
Il-Jansenisti kienu kontra li l-fqar jitghallmu hlief fuq ix-xoghol manwali u din l-attitudni kienet il-kawza li l-iskejjel tieghu f'Parigi kellhom jaghlqu, izda mhux ghal hafna zmien ghaliex mill-gdid regghu fethu.

Huwa irtirat mix-xoghol tieghu fis-sena 1717 u qaghad jghix ma' hutu fil-kongregazzjoni hajja l-aktar umli. Huwa kien ibati mill-asma u r-rewmatizmu izda qatt ma naqqas mill-penitenzi tieghu. Miet fil-Gimgha l-Kbira u l-fdalijiet tieghu gew trasportati gewwa Ruma.